



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Dokument ta' sessjoni

A7-0348/2013

23.10.2013

RAPPORT

dwar il-volontarjat u l-attivitajiet tal-volontarjat fl-Ewropa
(2013/2064(INI))

Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni

Rapporteur: Marco Scurria

RR\1007745MT.doc

PE514.578v01-00

MT

Magħquda fid-diversità

MT

PR_INI

WERREJ

Paġna

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW3

NOTA SPJEGATTIVA12

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-volontarjat u l-attivitajiet tal-volontarjat fl-Ewropa (2013/2064(INI))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra l-Artikoli 165, 166 u 214 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE),
- wara li kkunsidra d-definizzjoni ta' xogħol volontarju proposta mill-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO) fil-Manwal tagħha dwar il-Kejl tax-Xogħol Volontarju (2011),
- wara li kkunsidra d-Deċiżjoni Nru 2241/2004/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 2004 dwar qafas Komunitarju waħdieni għat-trasparenza tal-kwalifiki u tal-kompetenzi (Europass),
- wara li kkunsidra d-Deċiżjoni Nru 1719/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Novembru 2006 li tistabbilixxi l-programm Żgħażaġħ fl-Azzjoni għall-perijodu 2007-2013,¹,
- wara li kkunsidra d-Deċiżjoni Nru 1720/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Novembru 2006 li tistabbilixxi programm ta' azzjoni fil-qasam tat-tagħlim tul il-ħajja²,
- wara li kkunsidra d-Deċiżjoni Nru 1904/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 li tistabbilixxi l-programm Europe for Citizens għall-perjodu 2007-2013 li jippromwovi ċittadinza Ewropea attiva³,
- wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/37/KE tas-27 ta' Novembru 2009 dwar is-Sena Ewropea tal-Attivitajiet ta' Volontarjat għall-Promozzjoni taċ-Ċittadinanza Attiva (2011)⁴,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fil-Kunsill tal-24 ta' April 2006 dwar ir-rikonoxximent tal-valur ta' tagħlim mhux formali u informali fil-qasam taż-żgħażaġh Ewropej⁵,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2007 dwar attivitajiet volontarji taż-żgħażaġh (14427/1/2007),

¹ ĠU L 327, 24.11.2006, p. 30.

² ĠU L 327, 24.11.2006, p. 45.

³ ĠU L 378, 27.12.2006, p. 32.

⁴ ĠU L 17, 22.1.2010, p. 43.

⁵ ĠU C 168, 20.7.2006, p. 1.

- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fil-Kunsill tas-16 ta' Mejju 2007 dwar l-implimentazzjoni tal-obiettivi komuni għal attivitajiet volontarji taż-żgħażaġh¹,
- wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-mobilità ta' voluntiera żgħażaġh fl-Unjoni Ewropea²,
- wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni 2006/961/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar il-mobbiltà transnazzjonali fi ħdan il-Komunità għal finijiet ta' edukazzjoni u taħriġ: Karta Ewropea ta' Kwalità favur il-Mobbiltà³,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tiegħu tal-10 ta' Marzu 2011 dwar l-istabbiliment ta' statuti Ewropej għas-soċjetajiet mutwi, l-assoċjazzjonijiet u l-fondazzjonijiet⁴,
- wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-3 ta' Ottubru 2011 dwar ir-rwol ta' attivitajiet volontarji fil-politika soċjali (14552/2011),
- wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tad-29 ta' Novembru 2011 dwar ir-rwol ta' attivitajiet volontarji fil-politika soċjali⁵,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni dwar iċ-ċittadinanza tal-UE, tas-27 ta' Ottubru 2010 bit-titolu 'Inżarmaw l-ostakoli għad-drittijiet taċ-ċittadini tal-UE' (COM(2010)0603),
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni mill-Kummissjoni tal-5 ta' Settembru 2007 lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni bit-titolu "Biex jinġieb 'il quddiem is-sehem sħiħ taż-żgħażaġh fl-edukazzjoni, l-impjieġ u s-soċjetà" (COM(2007)0498),
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni mill-Kummissjoni tas-27 ta' April 2009 lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni bit-titolu Strateġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ: Investiment u Responsabbilizzazzjoni - Metodu miftuħ u mġedded ta' koordinazzjoni biex jindirizza l-isfidi u l-opportunitajiet għaż-żgħażaġh (COM(2009)200),
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni mill-Kummissjoni tat-3 ta' Marzu 2010 bit-titolu Ewropa 2020 – Strateġija għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv (COM(2010)2020),
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni mill-Kummissjoni tal-15 ta' Settembru 2010 lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni bit-titolu "Żgħażaġħ mobbli – Inizjattiva biex jinħareġ il-potenzjal taż-żgħażaġh biex jinkiseb it-tkabbir bil-għaqal, sostenibbli u inklużiv fl-Unjoni Ewropea" (COM(2010)0477),
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni mill-Kummissjoni, tal-20 ta' Settembru 2011, lill-

¹ ĠU C 241, 20.9.2008, p. 1.

² ĠU C 319, 13.12.2008, p. 8.

³ ĠU L 394, 30.12.2006, p. 5.

⁴ Testi adottati, P7_TA(2011)0101.

⁵ ĠU C 372, 20.12.2011, p. 24.

- Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar il-Politiki tal-UE u l-Volontarjat: Ir-Rikonoxximent u l-Promozzjoni fl-UE tal-Ħidmiet Volontarji Transkonfinali COM(2011)0568,
- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni tat-23 ta' Novembru 2011 għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi “ERASMUS GĦAL KULĦADD” – Il-Programm tal-Unjoni għall-Edukazzjoni, it-Taħriġ, iż-Żgħażaġħ u l-Isport (COM(2011) 0788),
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni tad-19 ta' Diċembru 2012 lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar l-implimentazzjoni, ir-riżultati u l-valutazzjoni ġenerali tas-Sena Ewropea tal-Volontarjat 2011 (COM(2012)0781),
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, tat-28 ta' Marzu 2012 dwar il-komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni bit-titlu 'Il-politiki tal-UE u l-volontarjat: Ir-Rikonoxximent u l-Promozzjoni fl-UE tal-Ħidmiet Volontarji Transkonfinali'¹,
 - wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Ġunju 2012 dwar ir-rikonoxximent u l-promozzjoni fl-UE tal-ħidmiet volontarji transkonfinali²,
 - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2012 dwar il-validazzjoni tat-tagħlim mhux formali u informali.
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni, ir-riżultati u l-valutazzjoni ġenerali tas-Sena Ewropea tal-Volontarjat (EYV 2011) (COM(2012)781);
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 48 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni (A7-0348/2013),
- A. billi l-EYV 2011 kienet suċċess, kellha objettivi rilevanti u għenet biex titqajjem kuxjenza dwar il-kwistjoni;
- B. Ċ. billi l-ħolqien ta' kundizzjonijiet favorevoli għall-volontarjat huwa proċess twil, li jeħtieġ l-involviment tal-partijiet kollha interessati;
- C. billi l-volontarjat huwa aspekt importanti taċ-ċittadinanza attiva u tad-demokrazija, kif ukoll tat-taħriġ personali, li jwassal b'mod konkret għall-valuri Ewropej bħas-solidarjetà u n-nondiskriminazzjoni, u jikkontribwixxi wkoll għall-iżvilupp tad-demokrazija parteċipattiva u għall-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem ġewwa u barra UE;
- D. billi volontarjat jingħata ħafna importanza fid-dibattitu dwar il-politiki pubbliċi;

¹ CESE 824/2012.

² Testi adottati, P7_TA(2012)0236.

- E. billi l-impenn f'attività volontarja jista' jkun mezz importanti għall-kisba tal-ħiliet meħtieġa fis-suq tax-xogħol, kif ukoll possibbiltà biex jinkisbu pożizzjonijiet soċjali prominenti fil-komunità;
- F. billi l-voluntiera huma element element ewlieni fl-isport;
- G. billi l-volontarjat jiġi kkunsidrat bħala fattur essenzjali għall-emanċipazzjoni individwali u kollettiva, għas-solidarjetà u għall-koeżjoni soċjali;
- H. billi l-volontarjat għandu rwol ewlieni fil-ħolqien ta' kapital soċjali u fit-tiħiħ tal-iżviluppa, kif ukoll jippromwovi l-koeżjoni ekonomika u soċjali, u b'hekk jikkontribwixxi għall-istrateġija Ewropa 2020;
- I. billi l-konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Ottubru 2011 dwar ir-rwol tal-attivitajiet volontarji fil-politika soċjali jenfasizzaw l-importanza tal-attivitajiet volontarji għall-indirizzar tal-inugwaljanzi bejn is-sessi;
- J. billi l-ostakli burokratiċi li jippersistu fil-livell nazzjonali jillimitaw il-possibbiltà ta' involviment fil-volontarjat, li għad m'għandux biżżejjed rikonoxximent ġuridiku f'xi Stati Membri;
- K. billi minħabba tradizzjonijiet u prattiki kulturali differenti jeżistu diskrepanzi kbar bejn l-Istati Membri fir-rigward tal-liġijiet li japplikaw għall-volontarjat, id-drittijiet li għandhom il-voluntiera u l-mod ta' kif inhu organizzat il-volontarjat;
- L. billi l-kriżi ekonomika severa, il-miżuri ta' awsterità u l-perssjoni fiskali qed ipoġġu f'riskju l-istabbiltà finanzjarja ta' ħafna NGOs, entitajiet sportivi u assoċjazzjonijiet volontarji, li madankolli qed ikomplu jaħdmu biex itejbu l-inklużjoni u l-benessri soċjali f'dawn iż-żminijiet diffiċli;
- M. billi biex jiġu salvagwardjati l-kisbiet tal-Sena Ewropea tal-Volontarjat 2011, il-politika tal-volontarjat Ewropea, li bħalissa l-approċċ li qed jittieħed lejha huwa wieħed frammentat, u r-responsabilità hija maqsuma bejn diversi servizzi, jeħtieġ li tiġi strutturata u kkoordinata tajjeb;
 - 1. Jieħu nota taċ-ċifri tal-kampanja ta' komunikazzjoni tas-Sena Ewropea tal-Volontarjat 2011 fl-annessi tar-rapport tal-Kummissjoni, u jiddeplora l-fatt li nkisbu riżultati foqra minħabba nuqqas ta' riżorsi finanzjarji;
 - 2. Jirrikonoxxi u jappoġġa d-diversi forom ta' volontarjat prattikati fl-Istati Membri,

permezz ta' organizzazzjonijiet nazzjonali u netwerks ta' assoċjazzjonijiet li joperaw f'livell lokali; jitlob li jkun hemm, f'dan ir-rigward, approċċ multikulturali min-naħa tal-Istati Membri, u jistieden lill-Kummissjoni twettaq analiżi dettaljata tal-prattiki u tradizzjonijiet tal-volontarjat nazzjonali bl-għan li jitrawwem approċċ Ewropew komuni;

3. Jinnota li l-konsolidazzjoni ta' approċċ komuni Ewropew għall-volontarjat se jgħaliq aktar opportunitajiet għall-mobbiltà u l-impjegabbiltà taż-żgħażaġħ billi tippermettilhom jakkwistaw ħiliet ta' valur;
4. Jilqa' l-fatt li xi Stati Membri adottaw jew irrevdedew liġijiet f'dan il-qasam bl-għan li jgħaliq ambjent favorevoli għall-volontarjat, u jirrakkomanda lil Stati Membri oħra biex jagħmlu l-istess ħaġa, b'fokus fuq it-tisħiħ tad-drittijiet tal-voluntiera bl-użu tal-Karta Ewropea għad-Drittijiet u r-Responsabbiltajiet tal-Voluntiera;
5. Ihegġegħ lill-Istati Membri biex ikomplu jgħaliq ambjent favorevoli għall-volontarjat, speċjalment permezz ta' qafas legali fejn dan għadu ma jeżistix;
6. Jinnota li xi Stati Membri implimentaw il-linji gwida stabbiliti fil-Manwal dwar il-Kejl tal-Volontarjat tal-ILO, u jinkoraġġixxi lill-oħrajn biex jagħmlu l-istess sabiex tkun tista' tinġabar dejta komparabbli li tipprovi stampa ċara tal-kontribut ta' valur tal-volontarjat lis-soċjetà;
7. Jitlob li jiġi adottat statut Ewropew tal-assoċjazzjonijiet tal-volontarjat biex ikun żgurat ir-rikonoxximent ġuridiku u istituzzjonali xieraq tagħhom;
8. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġi promoss il-volontarjat, speċjalment fost it-tfal tal-iskola, l-istudenti u żgħażaġħ oħra, sabiex jitwessgħu l-orizzonti tas-solidarjetà u l-appoġġ għaliha;
9. Jinnota li għadd kbir ta' Passaporti Ewropej tal-Ħiliet maħluqa onlajn f'dawn l-aħħar xhur juri s-suċċess tal-portafoll elettroniku li jipprovi stampa komprensiva tal-ħiliet tal-individwi, inklużi dawk miksuba permezz tal-volontarjat, biex dawn jiġu rikonoxxuti uffiċjalment għal finijiet professjonali kif ukoll ta' taġħlim;
10. Jenfasizza l-valur miżjud tal-kompetenzi u l-kapaċitajiet miksuba waqt il-volontarjat għall-curriculum vitae u għall-ħajja tax-xogħol li għandu jiġi rikonoxxut bħala esperjenza ta' taġħlim u ta' xogħol mhux formali u informali;
11. Jemmen li l-d-dokument 'Esperjenza Europass' propost jippermetti lill-voluntiera biex jiddeskrivu u jirreġistraw il-ħiliet żiluppanti matul ix-xogħol volontarju li jistgħu ma jwasslux għal ċertifikazzjoni, u jhegġegħ lill-Kummissjoni Ewropea, fid-dawl tar-rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-validazzjoni ta' taġħlim mhux formali u informali, biex tnedi d-dokument mill-aktar fis possibbli;

12. Jinnota l-importanza tal-ħiliet u l-abbiltajiet imsemmija hawn fuq għall-motivazzjoni taż-żgħażaġħ biex jivvolontarjaw u biex jiġġeneraw il-kapital soċjali u l-għoti ta' spinta għall-iżvilupp tas-soċjetà;
13. Jissuġġerixxi li tingħata attenzjoni għall-parità bejn is-sessi fis-settur tal-volontarjat, u speċjalment għad-diskrepanza kbira fost il-mexxejja volontarji, fejn l-irġiel huma rappreżentati żżejjed f'pożizzjoni maniġerjali;
14. Jemmen li l-ħiliet li jiksbu ż-żgħażaġħ permezz tal-volontarjat għandhom jiġu inklużi fil-isibu aċċess fil-Passaport Ewropew tal-Ħiliet u l-Europass, sabiex it-taħriġ formali u mhux formali jiġu trattati bl-istess mod;
15. Jenfasizza l-fatt li l-volontarjat jippermetti liż-żgħażaġħ li jtilqu mill-iskola qabel iż-żmien biex jergġhu jsibu ambjent u attivitajiet inklużivi;
16. Itenni l-appoġġ tiegħu għall-inizjattiva tal-Kummissjoni li toħloq Korp Volontarju Ewropew ta' Għajnuna Umanitarja, biex tinkoraġġixxi rispons rapidu u kkoordinat tal-Unjoni għall-kriżijiet umanitarji u d-diżastri naturali serji permezz tal-appoġġ għat-taħriġ, il-mobilizzazzjoni u l-ġestjoni tal-volontiera għal operazzjonijiet ta' għajnuna umanitarja xierqa tal-UE;
17. Jindika li l-volontarjat, li qed isir dejjem aktar komuni fost iż-żgħażaġħ kif ukoll l-anzjani, jipromwovi t-tagħlim interkulturali, is-sens ta' identità Ewropea u s-solidarjetà fost il-ġenerazzjonijiet, u jrawwem it-tixjiħ attiv u l-parteċipazzjoni ċivika matul il-ħajja kollha;
18. Jindika li l-volontarjat jagħti lok liż-żgħażaġħ u lill-anzjani jagħti kontribut lis-soċjetà u jiksbu rikonoxximent u stima, u li dan itejjeb il-kwalità tal-ħajja tagħhom, il-benessri u l-istat ġenerali ta' saħħithom;
19. Jirrimarka li l-firxa wiesgħa ta' possibilitajiet għall-volontarjat, kif ukoll l-aċċess iktar faċli għalihom fir-rigward tal-ispejjeż, id-disponibilità tal-informazzjoni u l-infrastruttura, u l-forniment ta' kopertura tal-assigurazzjoni tar-responsabilità ċivili u tal-aċċidenti, huma essenzjali biex jiġi promoss il-volontarjat fost il-gruppi kollha tal-etajiet;
20. Jemmen li l-volontarjat, bħala metodu attiv tat-tisħiħ tas-soċjetà ċivili, jista' jikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' dialogu interkulturali u jista' jkollu rwol prinċipali fil-ġlieda kontra l-preġudizzju u r-razziżmu;
21. Jinnota r-rwol importanti tal-volontarjat fil-ħolqien ta' kapital uman u soċjali u fil-promozzjoni tal-inklużjoni soċjali; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri

jirrikonoxxu kif jixraq il-kontribut vitali tal-volontarjat fid-dinja tal-isport u speċifikament fl-isport tad-dilettanti. F'dan il-qasam, ħafna organizzazzjonijiet sportivi ma jkunux jistgħu jiffunzjonaw kieku ma kellhomx l-għajnuna tal-voluntiera;

22. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jirrikonoxxu l-kontribut ewleini tal-volontarjat f'dan iż-żmien ta' kriżi ekonomika serja;
23. Jenfasizza li jinħtiegħ sforz kontinwu biex ikun żgurat li n-nisa għandhom aċċess indaqs għall-attività tal-volontarjat;
24. Jenfasizza l-ħtiegħa li tiġi żgurata kontinwità bejn is-Sena Ewropea tal-Volontarjat 2011 u Snin Ewropej tal-Volontarjat sussegwenti, bħala parti mill-isforzi sabiex jiġi żgurat li l-volontarjat jitqies bħala mezz ta' valur ta' sehem attiv fis-soċjetà, u f'dan ir-rigward iħeġġeġ lill-Kummissjoni tinkludi l-volontarjat bħala kontribut importanti għal ċittadinanza attiva matul is-Sena Ewropea taċ-Ċittadini;
25. Jistieden lill-Istati Membri jiżguraw is-sostenibbiltà tar-riżultati miksuba fil-livell nazzjonali matul is-Sena Ewropea tal-Volontarjat 2011;
26. Jistieden lill-Kummissjoni tintroduċi u tiżviluppa politika tal-volontarjat u tuża l-metodu miftuħ ta' koordinazzjoni biex tiffaċilita d-djalogu u l-kooperazzjoni bejn l-atturi tal-Istati Membri differenti;
27. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jieħdu l-passi meħtiegħa sabiex jistituzzjonalizzaw il-volontarjat b'mod konsistenti mal-liġijiet nazzjonali tax-xogħol tagħhom;
28. Jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni sabiex jistipulaw punt ta' kuntatt uniku fis-sura ta' servizz b'responsabbiltà għall-politika tal-volontarjat u l-koordinazzjoni f'dan il-qasam bejn id-dipartimenti tal-Kummissjoni u d-diversi l-istituzzjonijiet;
29. Jenfasizza l-ħtiegħa li, b'kollaborazzjoni b'mod partikolari mal-organizzazzjonijiet, l-assoċjazzjonijiet u netwerks tal-voluntiera Ewropej, jinħoloq portal ċentralizzat tal-UE li jipprovdi pjattaforma pan-Ewropea għall-koordinazzjoni f'dan il-qasam, li għandha tinkludi wkoll bażi tad-dejta tal-aħjar prassi tal-volontarjat u taqsima dwar il-volontarjat transkonfinali, b'informazzjoni dwar il-programmi disponibbli, l-ispejjeż u l-arranġamenti għall-parteċipazzjoni, sabiex titrawwem il-kondiviżjoni tal-informazzjoni;
30. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jistabbilixxu websajts nazzjonali ta' koordinazzjoni u magni tat-tiftix li jippermettu aċċess faċli u strutturat tajjeb għall-opportunitajiet tal-volontarjat għall-individwi waħedhom u possibiltajiet ta' kooperazzjoni għall-organizzazzjonijiet;

31. Jinkoraġġixxi lill-Istati Membri jkomplu jiprovdu qafas ta' appoġġ stabbli u sostenibbli għall-volontarjat nazzjonali u transkonfinali li jappoġġa kemm il-voluntiera kif ukoll l-organizzazzjonijiet tal-volontarjat; jirrakkomanda li l-Istati Membri għandhom ikomplu jżommu l-korpi nazzjonali ta' koordinazzjoni stabbiliti b'konnessjoni mas-Sena Ewropea tal-Volontarjat 2011;
32. Jistieden lill-Istati Membri biex jimplimentaw id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2004/114/KE1 dwar il-kundizzjonijiet ta' ammissjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi għal skopijiet ta' studju, skambju ta' studenti, taħriġ bla ħlas jew servizz volontarju, u biex jissimplifika l-proċeduri għall-għoti ta' visas, possibilment jiġu aboliti, għall-persuni li jixtiequ jibdew attivitajiet ta' volontarjat, partikolarment fil-qafas tal-Politika Ewropea tal-Viċinat;
33. Iħeġġeġ lill-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali jiżguraw finanzjament adegwat u jissimplifikaw il-proċeduri amministrattivi u jistipulaw inċentivi fiskali għall-organizzazzjonijiet u n-netwerks tal-voluntiera, b'mod partikolari dawk li huma żgħar u li għandhom riżorsi limitati; jitlob, f'dan is-sens, li jiġi ċċarat il-kunċett ta' għotjiet lill-assoċjazzjonijiet biex jitneħħa kull lok ta' konfużjoni bejn il-finanzjament għall-assoċjazzjonijiet u l-għajnuniet tal-Istat, li jista' jfixxkel il-kompetizzjoni fis-settur bil-qliġh;
34. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni Ewropea sabiex tistudja l-possibilità li tikkunsidra l-kontribut ekonomiku tax-xogħol volontarju bħala sehem ta' kofinanzjament għall-proġetti Ewropej;
35. Jinnota l-importanza li jiġi mħeġġeġ il-volontarjat anke bħala parti mill-istrateġiji tar-responsabbiltà soċjali tal-impriżi, skont l-Istandard Internazzjonali tal-implimentazzjoni volontarja ISO 26000:2010 dwar il-linji gwida fir-rigward tar-responsabbiltà soċjali tal-impriżi;
36. Jistieden lill-Kummissjoni tara li l-Istati Membri jagħmlu l-kopertura tal-assigurazzjoni tal-voluntiera obligatorja, għall-ħarsien ta' saħħithom u s-sikurezza waqt xogħol volontarju;
37. Jistieden lill-Istati Membri li għadhom mingħajr leġiżlazzjoni dwar il-volontarjat, u jiffaċilitaw l-attivitajiet ta' volontarjat anke permezz ta' taġġim formali, informali u mhux formali sabiex il-volontarji jsiru dejjem aktar kwalifikati u responsabbli fl-attivitajiet taġġim;
38. Jistieden lill-Istati Membri jiffaċilitaw l-attivitajiet ta' volontarjat anke permezz ta' taġġim formali, informali u mhux formali sabiex il-voluntiera jsiru dejjem aktar

¹ ĠUL 375, 23.12.2004, p. 12.

kwalifikati u responsabbli fl-attivitajiet tagħhom sal-punt li d-dedikazzjoni tagħhom hija l-aktar altruista u diżinteressata; ihegġegħom biex jintroduċu korsijiet ta' taħriġ fil-volontarjat bħala elettivi fl-istituzzjonijiet edukattivi;

39. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jippromwovu iktar is-Servizz Volontarju Ewropew fl-universitajiet u istituzzjonijiet oħra ta' edukazzjoni għolja.
40. Jemmen li x-xogħol volontarju, bħala metodu ta' taġlim informali, jgħin fl-iżvilupp ta' ħiliet u kwalifiki professjonali li jagħmilha aktar faċli għall-voluntiera biex jidħlu jew jirritornaw fis-suq tax-xogħol;
41. Jirrakkomanda lill-Kummissjoni għandha tkompli żżomm kuntatti mas-suċċessur tas-Sena Ewropea tal-Volontarjat 2011, l-Alleanza Ewropea għall-Volontarjat, u organizzazzjonijiet oħra bbażati fuq il-volontarjat, u li għandha tqis kif jixraq ir-rakkomandazzjonijiet stabbiliti fl-Aġenda tal-Politika għall-Volontarjat fl-Ewropa (PAVE), bħala l-bażi għal pjan ta' azzjoni għall-futur;
42. Jistieden lill-Kummissjoni biex tgħaqqad ir-riżorsi neċessarji meħtieġa biex jitwaqqaf Fond tal-Iżvilupp tal-Volontarjat Ewropew, sabiex ikun żgurat li l-infrastruttura għall-appoġġ neċessarja tkun stabbilita;
43. Jinsisti fuq il-ħtieġa li jkun faċilitat, fil-livell nazzjonali u Ewropew, l-aċċess tal-NGOs għall-finanzjament Ewropew, partikolarment fl-ambitu tal-FSE;
44. Jistieden lill-Istati Membri biex jimplimentaw ir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-validazzjoni tat-tagħlim mhux formali u informali u li jiżguraw li, qabel id-data fil-mira tal-2018, l-implimentazzjoni ta' strutturi formali għall-validazzjoni tal-għarfien, tal-ħiliet u tal-kompetenzi miksuba permezz tal-volontarjat li jwasslu għal kwalifika rikonoxxuta li l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni, dawk li jħaddmu u oħrajn għandhom jirrikonoxxu;
45. Jistieden lill-Kummissjoni Ewropea biex tirrikonoxxi l-ħin volontarju bħala element eliġibbli fil-kofinanzjament in natura għall-għotjiet kollha Ewropej, u biex taħdem mal-organizzazzjonijiet volontarji biex jiżviluppaw sistemi biex jirreġistraw u jiddokumentaw il-ħin volontarju abbażi tal-ħafna għodod u mudelli disponibbli;
46. Jagħti struzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri.

NOTA SPJEGATTIVA

Il-volontarjat huwa pilastru importanti tas-soċjetajiet demokratiċi u pluralistiċi tagħna. Dan huwa espressjoni ta' impenn, appoġġ u parteċipazzjoni attiva fil-ħajja soċjali.

It-terminu volontarjat ikopri l-forom kollha ta' xogħol bla ħlas imwettaq minn individwi, fuq bażi formali, informali jew mhux formali, minn jeddhom.

Ix-xogħol volontarju għandu impatt immedjat fuq is-soċjetà billi jippromwovi s-solidarjetà fost il-ġenerazzjonijiet u jrawwem it-tixjiħ attiv u l-parteċipazzjoni ċivika tul il-ħajja kollha, u b'hekk isaħħaħ l-għan tal-inklużjoni soċjali.

Ix-xogħol li jwettqu l-voluntiera jinkludi attivitajiet soċjali u edukattivi u appoġġ għal xogħol ambjentali u tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp u l-arti. Dan ix-xogħol jista' jsir lokalment jew inkella barra l-pajjiż tal-voluntiera.

Fl-2011 ġiet introdotta Sena Ewropea tal-Volontarjat biex tiċċelebra u tippromwovi l-impenn tal-voluntiera u l-organizzazzjonijiet li jaħdmu bil-voluntiera u biex tikkontribwixxi fl-indirizzar tal-isfidi li jiffaċċaw il-voluntiera, bħall-fatt li l-bażi tal-volontarjat qed tonqos u l-bidla fl-orjentament minn impenji fit-tul għal proġetti speċifiċi għal żmien qasir.

Fi-ssegwitu tas-Sena Ewropea tal-Volontarjat, diversi Stati Membri ppruvaw jagħtu spinta lill-volontarjat. Ħafna minnhom implimentaw il-linji gwida stabbiliti fil-Manwal dwar il-Kejl tal-Volontarjat tal-ILO, u ħeġġew lill-Istati Membri l-oħra jagħmlu bħalhom sabiex tkun tista' tinġabar dejta komparabbli li tipprovdi stampa ċara tal-kontribut ta' valur tal-volontarjat lis-soċjetà;

Ġew stabbiliti erba' objettivi għas-Sena Ewropea tal-Volontarjat 2011, li huma:

1. il-ħolqien ta' ambjent li jiffaċilita l-attivitajiet volontarji;
2. it-titjib tal-kwalità tal-attivitajiet volontarji billi l-organizzaturi ta' dawn l-attivitajiet jingħataw is-setgħa;
3. ħarfien tal-attivitajiet volontarji;
4. il-qawmien tal-kuxjenza pubblika dwar l-importanza tal-attivitajiet volontarji.

Twettqu ħafna azzjonijiet bl-għan li jintlaħqu l-objettivi msemmija hawn fuq, u kollha wrew is-suċċess ta' din l-inizjattiva.

Waħda mill-miżuri li jispikkaw hi l-introduzzjoni ta' Passaport Ewropew tal-Ħiliet li jagħti stampa sħiħa tal-kapaċitajiet tal-voluntiera biex dawn ikunu jistgħu jiġu rikonoxxuti ufficialment għal finijiet ta' impjegar kif ukoll ta' taġħlim.

Minkejja li l-kriżi ekonomika attwali ġabet magħha diffikultajiet kbar fit-twettiq ta' attivitajiet li fin-natura tagħhom m'għandhomx orjentament finanzjarju dirett, is-suċċess tal-azzjoni meħuda juri li s-solidarjetà tista' tirbaħ fuq l-egoiżmu anke fi żminijiet diffiċli.

Il-volontarjat kulma jmur qed isir dejjem aktar opportunità ta' taġħlim; biex wieħed jikseb kwalifiki u ħiliet abbażi ta' 'esperjenza ta' xogħol'.

F'dan ir-rapport, ir-rapporteur jitlob lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jistipulaw punt ta' kuntatt uniku fil-forma ta' servizz li jkun responsabbli għall-politika tal-volontarjat u l-koordinazzjoni f'dan il-qasam bejn id-dipartimenti tal-Kummissjoni u d-diversi l-istituzzjonijiet.

Id-data miġbura s'issa tindika li s-Sena Ewropea tal-Volontarjat 2011 kellha għadd ta' riżultati pożittivi u turi kemm hu importanti li jitkompla x-xogħol bl-istess mod biex ikun żgurat li l-volontarjat imur lil hinn milli jkun il-fokus ta' kampanja ta' sena f'settur ta' importanza strateġika għall-UE (ara fost l-oħrajn, id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/37/KE tas-27 ta' Novembru 2009 dwar is-Sena Ewropea tal-Attivitajiet ta' Volontarjat għall-Promozzjoni ta' Ċittadinanza Attiva) u jsir parti integrali tal-politika tal-koeżjoni soċjali u kulturali tal-UE.

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

| | |
|---|--|
| Data tal-adozzjoni | 17.10.2013 |
| Riżultat tal-votazzjoni finali | +: 20 -: 0 0: 2 |
| Membri preżenti għall-votazzjoni finali | Zoltán Bagó, Silvia Costa, Santiago Fisas Ayxela, Lorenzo Fontana, Mary Honeyball, Petra Kammerevert, Morten Løkkegaard, Emma McClarkin, Emilio Menéndez del Valle, Martina Michels, Marek Henryk Migalski, Doris Pack, Monika Panayotova, Marco Scurria, Hannu Takkula, László Tőkés, Sabine Verheyen, Milan Zver |
| Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali | Iosif Matula, Mitro Repo |
| Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali | Ioan Enciu, Gerben-Jan Gerbrandy |